MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2500/2002

***Selective Travel Limited***

***vs***

***Stanley Sciberras***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta’ Ottubru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1000) rappresentanti l-ekwivalenti ghal zewg pagamenti dovuti fil-15 ta’ Lulju 2002 u 15 ta’ Ottubru 2002 rispettivament fl-ammont ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500) skond skrittura privata datata 15 ta’ April 2002, annessa ma’ l-avviz u mmarkata bhala Dokument A.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja u bl-imghax dekoribbli mid-data ta’ l-iskrittura tal-15 ta’ April 2002 kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-P.L. Victor Bugeja ghan-nom tas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti u cioe’ l-iskrittura privata ffirmata bejn il-kontendenti tal-15 ta’ April 2002, Dokument A, kif ukoll l-ittra interpellatorja ta’ l-1 ta’ Ottubru 2002, immarkata bhala Dokument B.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1000), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali ta’ l-1 ta’ Ottubru 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**

--------------------------------TMIEM--------------------------------